# Minuti tal-438 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn, 1 ta' Settembru, 2014

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal-laqgħa kienet ukoll l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar ta' paġna 162, u minflok il-kliem "mal-Perit tal-Kunsill" jitniżżel il-kliem "mal-Perit George Buhagiar peress illi diġa ħadem fil-passat fuq il-proġett tal-Park Reġjonali".

Il-minuti tal-437 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 6 t' Awwissu, 2014 ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-post tas-Sinjorina Sharon Camenzuli jiġix vakanti wara li jiġi mpjegat l-Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13 mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif inhuma l-affarijiet bħalissa l-impjieg tas-Sinjorina Camenzuli fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jibqa` bis-seħħ bi dritt li l-impjegata terġa` lura fil-Kunsill kemm il-darba, kemm fuq talba tagħha jew tal-Korporazzjoni għax-

Xogħol u Taħriġ, hija ma tibqax taqdi l-kariga tagħha fil-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ kienet infurmat lill-Kunsill illi s-Sinjorina Maria Sammut kienet ser tibda taħdem bħala *clerk* u s-Sur Emanuel Bugeja kien ser jaħdem bħala *handyman* mal-Kunsill taħt l-iskema *Community Work Scheme* fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hiex kien wasal il-proċess għall-installazzjoni ta' *CCTV cameras* mal-latrini pubbliċi tal-lokalita`.

Is-Segretarju qal illi l-kuntrattur responsabbli mil-latrini pubbliċi kien qed jistenna l-permessi neċessarji qabel iwaħħal il-*cameras.*

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienux ser jitneħħew l-*attendants* minn mal-latrini kemm il-darba jiġu nstallati dawn il-*cameras*. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv u qal li l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' latrini pubbliċi kien qiegħed jiġi mġedded bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mal-kumpanija *TCTC* dwar il-korsijiet tal-kompjuter. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din il-laqgħa kienet għada ser issir mal-kumpanija *TCTC.*

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hiex kien wasal il-proċess sabiex jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied kienu għalqu u issa jridu jiġu evalwati u aġġudikati.

<u>Item 4 - Nominazzjonijiet ta' Membri għas-Sotto-Kumitati</u>

Is-Sur Brian Spiteri ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' persuni biex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għan-Negozji u Intrapriżi Żgħar / Medji u Turiżmu.

Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Brian Farrugia, Dr Josie Muscat, Lynn Hopkins u Charlot Ebejer

Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Brian Spietri u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jinħatru bħala membri ta' dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona wkoll lill-Kunsill lista ta' persuni biex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għall-Anzjanita` Attiva.

Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Joyce Vella, Grace Scalpello, Katie Calleja, Doris Dalli u Consolata Bugeja.

Is-Sur John J Pace issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sinjura Anna Calleja ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' persuni sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għall-Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Emanuel Calleja, Beatrice Brockdorf, Nathalie Schembri, Rosanne Grech, Laurabelle Portelli u Rita Pulis.

Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sinjura Anna Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Bonnici ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill li dawn il-persuni jservu bħala membri fis-Sotto-Kumitat għall-Ambjent /Restawr u Żvilupp Sostenibbli.

Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Ludgar Scicluna, George Sinagra, Alfred Pace u Mary Grace Micallef.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) issekonda l-proposta tas-Sur Joseph Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sindku ippropona lil dawn il-persuni sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għall-Proġetti Infrastrutturali, Relazzjonijiet Pubbliċi u Ko-ordinament ma' Awtoritajiet u Dipartimenti tal-Gvern : Is-Sinjuri Ryan Spagnol, Felix Vella, Noel Bongailas, Gertrude Spiteri u Jimmy Spiteri.

Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sur Mark Grech ippropona wkoll lill-Kunsill li l-Kumitat għall-Finanzi ikun kompost mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegata s-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto. Is-Sur Mark Grech ser ikun iċ-*Chairman* ta' dan il-kumitat.

Is-Sur Mark Grech talab il-lista tal-għaqdiet sabiex jibgħat stedina uffiċjali lir-rappreżentanti ta' kull għaqda sabiex jidħlu membri fis-Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ. Is-Sur Grech qal ukoll illi ser ikun qed iressaq lista ta' persuni biex iservu fis-Sotto-kumitat tal-Edukazzjoni.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo, mingħand il-kumpanija *Leon Promotions* dwar banda Żvizzera li ser tkun qed tipparteċipa fil-Karnival tas-sena d-

dieħla.  Il-prezz mitlub għal siegħa *performance* minn din il-banda fil-lokalita` huwa ta' €500 u drink għall-bandisti. Il-prezz jinkludi trasport u VAT.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar is-Sur Franco Schembri fejn intalbet il-lista tal-bejjiegħa li jarmaw is-suq fil-beraħ f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sindku tkellem dwar is-suq fil-beraħ tal-Misraħ u qal illi is-suq fil-beraħ f'Ħaż-Żabbar huwa rreġistrat fi Pjazza San Ġakbu.  Is-Sindku qal ukoll illi hemm iktar bejjiegħa jarmaw f'dan il-post milli hemm spazju u għalhekk xi bejjiegħa qed jarmaw f'Misraħ is-Sliem ukoll.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) staqsa jekk il-Kunsill jistax isib post alternattiv għas-suq fil-beraħ.  Is-Sur Brian Spiteri qal illi mhux faċli tibdel il-lokazzjoni tas-suq.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat il-lista tal-bejjiegħa li jarmaw is-suq kif miġbura mill-Pulizija jinforma lill-Ministeru li l-lista m'hix waħda uffiċjali peress illi dawn il-bejjiegħa mhux reġistrati mill-Kunsill.

Is-Sur Mark Grech qal li fl-opinjoni tiegħu għandha tinstab soluzzjoni biex is-suq ikun regolarizzat kif suppost.

Inqara nvit mibgħut mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel għall-Kunċert Strumentali u riċeviment fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja li ser isir nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2014 fid-9.00 ta' filgħaxija fuq il-Planċier f'Misraħ is-Sliem.

Inqara nvit mibgħut mill-Partit Laburista għall-riċeviment fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja li ser isir nhar l-Erbgħa, 10 ta' Settembru, 2014 fiċ-Ċentru Laburista ta' Ħaż-Żabbar fis-7.00 ta' filgħaxija.

Inqara nvit mibgħut mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ għall-programm mużikali u riċeviment fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja li ser isir nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2014 fit-8.30 ta' filgħaxija fil-Blue Arena fil-Każin tal-istess Soċjetà.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda għall-attività li ġiet organizzata riċentament miċ-*Chinese Cultural Centre* u qal li din kienet ta' suċċess.

Fis-7.25 is-Sur John Pace talab li jkun skużat.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet lis-Sindku sabiex wara l-Festa tal-Madonna tal-Grazzja issir laqgħa mad-Direttur uffiċjali tac-*Chinese Cultural Centre.*

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-57 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

Item 6 - Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn is-7 t' Awwissu, 2014 u l-1 ta' Settembru, 2014 li kienet tammonta għal €17,453.67. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Item 7 - Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Ġunju 2014. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-rapport finanzjarju u jintalab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi rranġata it-*template* tar-rapport u titneħħa l-kelma *Quarterly* peress illi r-rapport huwa *template* u jkopri l-perjodu Jannar – Ġunju 2014.

Item 8 - Aġġudikazzjoni ta' offerti u kwotazzjonijiet :

Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 1/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill parir legali li ngħata mill-avukat Dr Mario Caruana dwar l-offerti li saru għall-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku (ZLC 1/2014), partikularment dwar il-garanziji bankarji, d-dokumentazzjoni dwar reġistrazzjoni mill-MEPA, kif ukoll dwar l-ittri ta' referenza.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li kopja tal-korrispondenza tal-Avukat għandha tintbgħat lil kull Kunsillier u li deċiżjoni finali tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

Fit-7.45 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku u s-Sur Joseph Vella talbu li jkunu skużati.

Servizz ta' Knis u Qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani (ZLC 4/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-Servizz ta' Knis u Qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani (ZLC 4/2014). L-offerti li l-Kunsill irċieva kienu mingħand

| **Kuntrattur** | **Prezz** | **Dokumenti** |
|---|---|---|
| Euro Clean Waste Services | €67,600 | Mimlija u ffirmati |
| Owen Borg | €62,900 | Mimlija u ffirmati |
| Ronald Bezzina | €55, 567.43 | Mimlija u ffirmati |

| | | |
|---|---|---|
| Wilson Mifsud | €67,789 | Mimlija u ffirmati |
| David Grech | €70,000 | Mimlija u ffirmati |

Is-Sur Brian Spiteri saħaq dwar l-importanza li l-impjegati li jkunu qed jagħtu s-servizz tagħhom lill-kunsill ikunu qed jiġu mħallsa skond il-liġi dwar ix-xogħol.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik tas-Sur Ronald Bezzina għall-prezz ta' €55,567.43.

Kostruzzjoni ta' *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti (ZLC 2/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għall-kostruzzjoni ta' *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti (ZLC 2/2014). L-offerta li l-Kunsill irċieva kienet mingħand Road Maintenance Services Limited għall-prezz ta' €21,581.19. Id-dokumenti mitluba fil-kuntratt kienu mimlija u ffirmati kif mitlub.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jressaq l-offerta mitfugħa lill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal dan il-proġett sabiex il-Kunsill ikun jista` jieħu deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li fil-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Evalwazzjoni tal-proġett ta' resurfacing ta' triq Ħas-Sajjied, minflok il-membru nominat is-Sinjura Alison Camilleri jinħatar bħala membru s-Sur Daniel Tabone li għandu jservi wkoll bħala membru tal-Bord ta' Evalwazzjoni għall-proġett ta' *underground bring-in-site* minflok is-Sindku. Ic-*Chairperson* tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerti għal *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied għandu jkun is-Sindku u ic-*Chairperson* għall-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerti għall-kostruzzjoni ta' *underground bring in-site* għandu jkun il-kunsillier Joe Bonnici.

Kwotazzjoni għal Xiri ta' *Asphalt* (ZLCQT 1/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni li ġiet sottomessa għall-xiri ta' *asphalt* (ZLCQT 1/2014). L-offerta li l-Kunsill irċieva kienet mingħand Bitmac (Works) Limited għall-prezz ta' €170.00 il-tunnellata, borża ta' 25kg *asphalt* għall-prezz ta' €4.55, rata għat-trasport ta' €29.50 kull vjaġġ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta mingħand Bitmac (Works) Limited.

Kwotazzjoni għal Xiri ta' Konkos (ZLCQT 2/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni li ġiet sottomessa għall-xiri ta' konkos (ZLCQT 2/2014). L-offerta li l-Kunsill irċieva kienet mingħand is-Sur Angelo Grech. Il-prezz għal xiri ta' konkos *Grade C20* kien ta' €66.08.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-unika offerta mingħand is-Sur Angelo Grech.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' librara – ZLC 10/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 10/2013 li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' librara mas- Sinjura Mary Grace Vassallo kien ser jagħlaq fit-18 ta' Novembru, 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Aguis, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill kellu mal-Island Insurance Brokers kienet ser tagħlaq u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi li joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-kwotazzjonijiet għall-polza ta' assigurazzjoni.

Fit-8.00 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ talbet li tkun skużata.

*Resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied ZLC 3/2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għar-*resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied (ZLC 3/2014). L-offerti li l-Kunsill irċieva kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | | **Prezz** | **Dokumenti** |
|---|---|---|---|
| Central Asphalt Limited | Triq Ħas-Sajjied | €65,068.19 | Mimlija u ffirmati |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (1) | €5,176.70 | |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (2) | €23,181.85 | |
| | Total | €93,426.74 | |
| V& C Contractors Ltd | Triq Ħas-Sajjied | €60,357.42 | Mimlija u ffirmati |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (1) | €4,704.73 | |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (2) | €23,172.04 | |
| | Total | €88, 234.19 | |
| Asfaltar Construction Ltd | Triq Ħas-Sajjied | €53,367.82 | Mimlija u ffirmati |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (1) | €4,421.85 | |
| | Sqaq Ħas-Sajjied (2) | €21,215.90 | |
| | Total | €79, 005.57 | |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi l-offerti li l-Kunsill irċieva lill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

Item 9 - Il-Festa f'Ħaż-Żabbar

Is-Sindku tkellem dwar il-permessi li nħarġu mill-Kunsill għat-tqegħid ta' kjosks u posti lill-bejjiegħa matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal li nstab kompromess biex ma jkunx hemm ingombru jew inkonvenjent għall-pubbliku mill-bejjiegħa.

Is-Sur Bonnici ppropona li jkun hemm sittax-il *mobile toilet* li ser jinkrew u ser jitpoġġew f'żoni differenti f'Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa. L-ispiża għal dawn il-*mobile toilets* ser tkun ta' €424.80. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Dwar it-tindif fiż-żona fejn ser jiġu armati l-gabbani, s-Sindku qal li l-bejjiegħa ser ikunu ordnati jieħdu ħsieb li l-post jinżamm nadif.

Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar it-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2014 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand Dolceria Bonta.

Is-Sur Brian Spiteri ppropona li jsiru *floodlights* f'Misraħ San Ġakbu, Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u f'Misraħ is-Sliem għall-ġranet tal-festa biex ikun hemm dawl adekwat speċjalment matul il-purċissjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda lis-Sur Brian Spiteri u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan id-dawl temporanju għal żmien il-festa.

Is-Sinjura Anna Calleja ppropóniet li matul il-ġranet tal-festa, il-latrini pubbliċi jibqgħu miftuħin sa nofs il-lejl. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li l-latrini pubbliċi jibqgħu miftuħin.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir bank fi Triq Santa Tereża ma' Triq Strickland.

Fit-8.15 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

Item 10- Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Dwar il-kompetizzjoni li għandha tiġi mtella` bejn il-Kunsill Lokali u l-klabb tal-boċċi lokali, is-Sindku qal li ser jingħataw trofew lir rebbieħa u l-parteċipanti kif ukoll ser isiru t *shirts* bl-arma tal-Kunsill li ser jintużaw waqt l-attivita`.

Is-Sindku tkellem dwar xogħol ta' *extensive patching* fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku ppropona wkoll fil-ġranet li ġejjin jinbeda x-xogħol fuq bankini fi Triq ix-Xgħajra, Triq

il-Baħrija u Triq Agatha Barbara. Is-Sur Bonnici ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi kellu nformazzjoni li l-*bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju kien ser jitressaq minn Transport Malta.
Is-Sur Mark Grech qal illi meta tieqaf il-karozza tal-linja fuq il-*bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Felice kien qed jinħoloq konġezzjoni tat-traffiku.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex niktbu lil Transport Malta sabiex jekk inhu possibli l-venda li kien hemm fi Triq is-Santwarju terġa' tibda tintuża.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-*item* ikun fl-agenda u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss sabiex il-Kunsill ikun jista` joħroġ bi proposta li mbagħad titressaq lil Transport Malta.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta t-talba tal-impjegata Stephanie Testaferrata de Noto biex tattendi kors *part time* li jwassal għal *Diploma in Public Administration* mill-Università ta' Malta.

Is-Sur Brian Spiteri tkellem dwar il-fatt illi l-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar Dun Sebastian Caruana kien wasal biex itemm il-kariga tiegħu bħala Kappillan f'Ħaż-Żabbar u qal illi l-Kurja kienet għadha ma ħatritx Kappillan minflok Dun Sebastian Caruana.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fi Triq Bieb is-Sultan ma' Triq is-Saħħara kienu qed jgħaddu vetturi kbar u jagħmlu ħsara fil-gallariji tar-residenti.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* quddiem ir-residenza numru 109, fi Triq Sant Antnin.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi hemm żewġ globi f'Misraħ is-Sliem li ma jixgħelux.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien irċieva lment minn resident fi Triq Spadaro fejn qed jallega illi konsegwenza ta' *road hump* li saret riċentament fi Triq Spadaro, intlaqtet il-vettura tiegħu.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jivverifika jekk ir-*road humps* li saru fi Triq Spadaro sarux skont il-permess ta' Transport Malta u jekk dawn saru skont il-permess, jitwaħħlu t-tabelli neċessarji li jindikaw li hemm *roads humps* f'din it-triq.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi fl-1 ta' Frar, 2015, f'Jum Ħaż-Żabbar, kien ser ikun hemm il-vann li jservi bħala *blood bank f'Ħaż-Żabbar.*

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fid-9 t'Ottubru, 2014 kien ser jorganizza attivita` li tinkludi *buffet breakfast* għall-anzjani.

Item 13 - Pubblikazzjoni ta' Fuljett

Is-Sindku ppropona li jitqassam *flyer* u jintbgħat f'kull dar f'Ħaż-Żabbar. F'dan il-*flyer,* filwaqt li l-Kunsill jawgura l-festa t-tajba lir-residenti, jinformahom dwar ix-xogħol li sar

u qed isir mill-Kunsill. Is-Sur Mark Grech issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Mark Grech ppropona sabiex isir xogħol ta' *extensive patching* fi Triq il-Kunvent u fi Triq Hompesch. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irċeviet ilmenti li quddiem ir-residenzi n-numru 35, 35A u 35B fi Triq il-Kunvent kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita. Is-Sinjura Calleja talbet li din il-problema tiġi ndirizzata fl-iqsar żmien possibli.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru *water culverts* fi Triq il-Kunvent ma Triq il-Karmnu minħabba l-ilmijiet tax-xita.

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex issir pjan ta' xogħol bi prijoritajiet.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Ġnien u ta' Triq iċ-Ċimiterju sabiex nhar ta' Tlieta ma joħorġux il-borża s-sewda tal-iskart peress illi f'din il-ġurnata tinġabar biss il-borża tal-iskart separat.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irċeviet ilmenti li f'xi żoni ta' Ħaż-Żabbar qed jinħarġu l-boroż tal-iskart minn nhar ta' Sibt filgħaxija u nhar ta' Ħadd.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi fi trejqa mingħajr isem li tagħti għal Triq l-10 ta' Settembru 1797 hemm *wires* mitluqin mal-art u ta' periklu. Dawn jinsabu bejn ir-residenzi numru 10 u 12 fi Triq il-Luq.

Is-Sur Joseph Agius talab li l-Kunsill jindaga ma' Transport Malta dwar jekk kienetx ser tiġi rranġata Triq Wied il-Għajn wara x-xogħol riċenti li sar ta' *rain water culverts* ġodda f'din it-triq.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi jrid jinstab post addattat sabiex issir iz-*zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li r-residenti fi Triq tal-Labour xtaqu li tiġi nstallata *speed camera* minħabba sewqan eċċessiv li kien qed isir fit-triq.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-439 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 29 ta’ Settembru, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku